TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

CCT/141/19/S

Daviti Ellul Khutsishuili u Cheyenne Ellul Khutsishuili
vs
No Deposit Cars Malta Ltd

Illum 18 ta' Diċembru,2024.

It-Tribunal,

Ra t-talba ppreżentata minn Daviti Ellul Khutsishuili u Cheyenne Ellul Khutsishuili fit-8 t'Ottubru, 2019 u r-risposta tas-soċjeta' No Deposit Cars Malta Ltd ippreżentata fit-30 t' Ottubru 2019.

Ra li fis-seduta tas-6 ta' Frar 2020 saret korrezzjoni fejn żdiedet bħala rikorrenti Cheyenne Ellul Khutsishuili.

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' il-partijiet u x-xhieda kif ukoll it-trattazzjoni li saret fl-1 ta' Diċembru 2022.

Ikkunsidra,

Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda allegat bejgħ ta' vettura u ħlas daparti tar-rikorrenti li wara ftit ġie rexiss mill-istess rikorrenti *stante* illi skont huma, is-soċjeta' intimata ma zammietx ma' dak miftiehem.

Illi fir-=rigward tas-somma mitluba mir-rikorrenti fl-ammont ta' €1,205 jidher illi hemm qbil li la l-polza fl-ammont ta' €395 u lanqas il-ħruġ tan-*number plates* personalizzati li jammontaw għal €250, ma ġew finalizzati u għalekk il-kontestazzjoni hija fuq l-ewwel ħlas ta' €560 lis-socjertas intimate daparti tar-rikorrenti u li s-soċjeta' intimata qed tikkonsidraħ bħala depożitu filwaqt li r-rikorrenti qed

jgħidu li dak ma kienx depożitu pero' l-ewwel pagament għall-vettura.

Illi jingħad mill-ewwel mit-Tribunal illi huwa kontradittorju biex ma jintużax aġġettiv ieħor li s-soċjeta' illi jisimha proprjament No Depost Cars Malta Ltd u li tagħmel pubbliċita' ibbażata fuq il-fatt illi ma jieħdux depożitu fuq il-bejgħ ta' vetturi imbagħad issostni jew tipprova targumenta quddiem dan it-Tribunal li l-ewwel pagament fuq imsemmi kien depożitu anzi addirittura minn pagament sar depożitu hekk kif ir-rikorrenti biddlu l-opinjoni tagħhom u ma komplewx bil-proċess tax-xiri tal-vettura.

Illi id-difiza tas-soċjeta' intimata illi l-ħlas tal-ammont ta' €560 kien depożitu ma jirriżulta mill-ebda prova imressqa mill-istess soċjeta'.

Illi anki r-rappreżentant tas-soċjeta' intimata Luke John Milton li xehed quddiem dan it-Tribunal ma jagħmilx referenza għal dan il-pagament bħala depożitu iżda bħala l-ewwel pagament.

Illi jidher illi l-proċess tax-xiri tal-vettura twaqqaf meta r-rikorrenti ġew infurmati illi l-vettura kienet ser tibqa' f'isem is-soċjeta' intimata, ħaġa li għall-istess rikorrenti kienet important ħafna tant hu hekk illi waslithom biex iħassru il-proċess ta' xiri tal-istess vettura.

Illi t-Tribunal iħoss li s-soċjeta' intimata ma kinitx in *buona fede* meta ħadet id-deċiżjoni li pagament tibdlu f'depożitu u t-Tribunal iħoss li l-konsumatur għandu jkollu l-informazzjoni kollha ċara u mingħajr ebda dubju u mhux isir reklamar illi iżomm pożizzjoni imbagħad il-fatti juru mod ieħor bħal dan il-każ.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-

ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' it-talba ta' Daviti Ellul Khutsishuili u Cheyenne Ellul Khutsishuili filwaqt li Jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-socjeta No Deposit Cars Malta Ltd u Jordna illi s-soċjeta' No Deposit Cars Malta Ltd tirrifondi lil Daviti Ellul Khutsishuili u Cheyenne Ellul Khutsishuili is-somma ta' €1,205 fi żmien ġimgħa mil-lum u fin-nuqqas, ikomplu jiddekorru l-interessi skont il-liġi mid-data ta' meta sar tali hlas mir-rikorrenti.

L-ispejjerz kollha ta'dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

Richard Sladden Av.
Arbitru